# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**<u>DIGRIET</u>**

**Illum it-30 ta' Novembru 2021**

Fl-atti tat-Talba Nru: **328/20 JG**

Fl-ismijiet

**Med Design Associates Ltd (C 53089)**

**Vs**

**Anthony Azzopardi (ID 75071(M))**

It-Tribunal;

Ra r-rikors tas-soċjetá attriċi tat-22 ta' Lulju 2021, tramite liema talbet sabiex dan it-Tribunal jirrevoka *contrario imperio* digriet tiegħu tat-22 ta' Ġunju 2021 fejn, skond is-soċjetá attriċi l-istess intalbet teżebixxi xi dokumenti;

Rat ukoll in-nota kontenenti d-dokumenti, ukoll ippreżentata fit-22 ta' Lulju 2021;

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal tal-5 ta' Awwissu 2021, fejn dan it-Tribunal ordna li ssir n-notifika tal-imsemmi rikors lill-konvenut, li ngħata għaxart ijiem għar-risposta;

Ra dak li seħħ fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2021, fejn il-konvenut ma kienx għadu ġie notifikat bl-isemmi rikors;

Ra r-risposta tal-konvenut tat-12 ta' Ottubru 2021 tramite liema oġġezzjona għat-talba hekk kif magħmula;

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi permezz tar-rikors hawn issa diskuss jidher, għaliex fil-verità r-rikors ma tantx huwa ċar li s-soċjetá attriċi qiegħda titlob li dan it-Tribunal jirrevoka xi digriet *contrario imperio*.

Illi jkun aħjar li, għal-kompletezza, jiġi deskritt kemm dak li qiegħed jiġi mitlub f'dawn il-proċeduri u kif ukoll l-linja difenzjonali.

Illi f'dawn il-proċeduri, is-soċjetá attriċi qiegħda titlob li jiġi likwidat ammont rigwardanti servizzi reżi minnha. Il-konvenut min-naħa tiegħu jgħid li saru ħlasijiet. Fil-verità, s-soċjetá attriċi stess fil-premessa enumerata erba' (4) tikkonferma hi stess li kienu saru xi ħlasijiet.

Illi waqt is-seduta tat-22 ta' Ġunju 2021, ġiet prodotta bħala xhud ċertu Marthese Borg li hija fost rwoli oħra il-*company administrator* tas-soċjetá attriċi. Din xehdet dwar l-aspett finanzjarju ta' dawn il-proċeduri, anke għaliex tikkonferma

li hi tieħu ħsieb il-kontijiet. Issa, fil-kontro-eżami, kien l-avukat tal-konvenut li talab, wara li din Marthese Borg xehdet dwar dan, sabiex din teżebixxi rċevuti mitluba minnu.

Illi għalhekk, fl-umli fehma ta' dan it-Tribunal, ma hemm l-ebda digriet maħruġ minnu. Fil-fatt fil-verbal tal-istess seduta, hemm iniżżel li d-difensur tas-soċjetá attriċi stess obbligat ruħha sabiex tgħaddi dawn id-dokumenti. Bl-ebda mod jew immaġinazzjoni ma jista jingħad li dan it-Tribunal ta' digriet[1]. Għalhekk biss it-talba hekk kif magħmula hija skorretta u ma tistax tintlaqá.

Illi peró anke jekk dak miktub f'dak il-verbal jista b'xi mod jingħad li huwa digriet, it-Tribunal ma jistax jifhem l-oġġezzjoni tas-soċjetá attriċi u dan għaliex kif diġa' ntqal, il-fatt tal-pagamenti hija msemmija minnha stess. Issa, it-Tribunal huwa ben konxju li huwa m'huwiex marbut bl-aħjar prova[2]. Huwa minnu wkoll li t-Tribunal jista peró jitlob li ssir l-aqwa prova.

Illi għalhekk ma hemm assolutament xejn irregolari f'dak li seħħ.

---

[1] F'dan is-sens wieħed huwa mistieden jara d-digriet mogħti fil-kawża pendenti fl-ismijiet **L-Avukat Dottor Richard Bernard noe vs Luma Holding Limited,** (53/2020 CFS) nhar il-15 ta' Lulju 2021.

[2] Artikolu 9(2)(b) tal-Kapitolu 390 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar dan, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Herman Rantasa et vs Kevin Buttigieg et,** (App Ċiv Nru: 614/2006/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Jannar 2008 fejn intqal hekk: "*Ferm dan il-hsieb, din il-Qorti, ciononostante dak affermat b' mod generali kwantu ghall-"ahjar prova" bhala principju regolatur in materja ta' provi taht l-ordinament proċedurali taghna fil-Kapitolu 12, ma tistax tinjora d-disposizzjonijiet tal-ligi specjali. Senjatament, l-Artikolu 9 (2) subpara. (b) ta' l-Att V ta' l-1995 li jiddisponi li l-Gudikatur "ghandu jitgharraf b' kull mod li jista' jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-ahjar prova jew dwar xhieda fuq kliem haddiehor jekk ikun sodisfatt li x-xhieda li jkollu quddiemu tkun bizzejjed veritiera li biha jista' jasal biex jaqta' l-kaz li jkun qed jitratta."*

Illi finalment, it-Tribunal iqis li għandu jirrimarka dwar dak miktub fl-istess rikors. *Ad litteram* intqal hekk: *"Illi bir-rispett din hija sempliċi facile spedizjone u ħela ta' ħin għat-Tribunal u s-soċjetá attriċi"*.

Illi bid-dovut rispett dan it-Tribunal jgħid li kien ikun ferm aħjar li dan ir-rikors ma sarx. Ġialadarba sar peró, kien ikun ferm aħjar li kieku s-soċjetá attriċi segwiet b'mod diliġenti n-notifika tiegħu. Fil-verità huwa proprju dan li jista' jiġi meqjus bħala ħela ta' ħin.

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jiċħad it-talba tas-soċjetá attriċi hekk kif kontenuta fir-rikors tat-22 ta' Lulju 2021.

Spejjeż ta' dan l-episodju riżervati għal-ġudizzju finali.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur